MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 1558/2005

**Talba Nru: 1558//05VGD**

Nyal Xuereb (Id. 544978M) ezercenti l-kummerc taht l-isem Architecture Design Services.

Vs

Adrian Mifsud (Id. 1054145M) u martu Chrisitna Mifsud (Id. 92849M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob is-somma ta’ Lm728.89c minghand il-konvenuti rapprezentanti bilanc ta’ prezz akbar ghall-xoghlijiet illi gew ezegwiti mill-attur fi proprjeta’ tal-konvenuti. Illi nonostante diversi tentattivi u interpellazzjonijiet lill-konvenuti sabiex dawn ihallsu, il-konvenuti baqghu ma

hallsux il-bilanc dovut minnhom. Bl-imghax bir-rata ta’ 8% fis-sena mit-18 ta’ Awissu 2003 sal-gurnata tal-hlas effettivi u bl-ispejjes kontra il-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn gie eccepit illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi 1) it-talba tal-attur hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u 2) illi in subsidju u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-materjal u x-xoghol li gie pprovdut mill-attur ma kienx tal-kwalita’ pattwita, u 3) salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut tad-9 ta’ Jannar 2006, fejn l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti giet michuda.

Sema x-xhieda ta’ l-attur Nyal Xuereb.

Sema x-xhieda ta’ Mario Micallef prodott mill-attur.

Sema x-xhieda ta’ Godfrey Dimech prodott mill-attur.

Sema x-xhieda tal-konvenut Adrian Mifsud.

Sema x-xhieda tal-Perit Ruben Sciortino prodott mill-konvenuti.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi fil-kaz in ezami, l-attur kien gie mqabbad mill-konvenuti sabiex jesegwixxi xoghlijiet fil-fond proprjeta’ taghhom f’Tas-Sliema, liema xoghol kien jikkonsisti fost affarijiet ohra fit-twahhil ta’ gebel tas-sejjieh mal-hitan tal-bitha.

Illi alavolja dan ix-xoghol tlesta mill-attur, il-konvenuti qedin jirrifjutaw li jhallsu l-bilanc tal-prezz tax-xoghlijiet

mitlub minghand l-attur minhabba li skond huma l-materjal u x-xoghol provdut mill-attur mhuwiex tal-kwalita' pattwita.

Illi mill-provi kollha prodotti t-Tribunal josserva s-segwenti fatti:-

Fl-ewwel lok, il-konvenuti qedin jilmentaw illi l-attur kien diga esegwixxa xoghol simili ghal dak in kwistjoni fi proprjeta' ohra taghhom li tinsab fis-Swieqi. Skond il-konvenuti, huma kienu ordnaw minghand l-attur li jintuza materjal identiku u jsir l-istess xoghol li kien diga sar precedentement fil-proprjeta' l-ohra taghhom. Il-konvenuti qedin jibbazaw id-difiza taghhom fuq il-fatt li ma ntuzax l-istess materjal u li ghalhekk ix-xoghol ma kienx l-istess bhal dak ix-xoghol li kien sar fil-proprjeta' l-ohra taghhom, u *ergo,* la l-materjal u lanqas ix-xoghol esegwit m'huma tal-kwalita' pattwita.

Illi fir-rigward ta' dan, it-Tribunal jinnota li l-konvenuti ma gabu l-ebda prova dokumentarja li turi li l-partijiet fil-fatt kienu ftehmu illi l-materjal (u cioe, il-gebel) li kellu jitwahhal fuq il-hitan tal-fond in kwisjtoni kellu jkun ezatt bhal dak il-gebel li twahhal fil-fond l-iehor taghhom fis-Swieqi. Mill-provi jidher biss illi l-ftehim kien li l-hitan kellhom jigu mghottija bil-'*rubble stones'*, antiki, fis-sens illi kellu jintuza gebla tal-franka antika li tkun ghaddiet minn '*weathering process'*, u li titnehha minn bini antik u terga tintuza sabiex tghatti l-hitan in kwistjoni.

Illi apparti dan pero, anki jekk wiehed kellu jaccetta li l-materjal in kwistjoni kellu jkun l-istess bhal dak li ntuza fil-proprjeta' tal-konvenuti fi Swieqi, mill-provi jidher li hekk kien.

Skond l-attur, il-gebel li ntuza fil-fond in kwistjoni kien l-istess materjal li ntuza fil-fond tal-konvenuti gewwa s-Swieqi, fis-sens li ntuza gebel tal-franka maqtugh minn gebel antik, liema gebel ikun '*weathered*'. Skond l-attur il-'*weathering'* process tal-gebel qatt ma jista' jkun identiku, ghaliex jinvolvi diversi fatturi bhalma huma z-zmien li l-gebel ikun mikxuf ghall-elementi, u anki l-pozizzjoni tal-gebel fil-bini.

Illi skond ix-xhud Mario Micallef, huwa stess kien ghamel ix-xoghol kollu in konnesjoni mat-twahhil tal-gebel tas-sejjiegh fiz-zewg okkazzjonijiet differenti fiz-zewg proprjetajiet tal-konvenuti, u li ghal dan ix-xoghol huwa kien xtara l-materjal (u cioe il-gebel) minghand l-istess persuna.  Huwa spjega wkoll illi gebla antika tista' tvarja skond l-elementi li jistghu ikollhom effetti fuqha.

Illi l-Perit Ruben Sciortino prodott mill-konvenuti fi ftit kliem spjega illi huwa kien gie mqabbad mill-konvenuti sabiex jispezzjona x-xoghol li kien sar fiz-zewg proprjetajiet tal-konvenuti.  Huwa kkonkluda illi d-differenza bejn ix-xoghol u l-materjal uzat fiz-zewg proprjetajiet kien fis-sens illi ghax-xoghol mertu ta' din il-kawza, alavolja l-materjal kien l-istess, u cioe kien gebel tal-franka antik u '*weathered*', il-'finish' tieghu kien differenti peress li l-gebel kien gie mbaqqan, filwaqt li fil-proprjeta' tas-Swieqi il-gebel ma kienx gie mbaqqan.  Il-perit spjega illi minhabba li l-gebel kien gie mbaqqan, tnehhiet il-qoxra ta' barra tal-gebel, biex b'hekk bhala rizultata ta' dan il-finish tal-gebla ma tkunx lixxa, u titnehha parti mill-*weathering process* li jkun ifforma fuq il-gebla.

Illi ghalhekk it-Tribunal josserva li ma jistghax jinghad illi l-materjal li ntuza mill-attur ghax-xoghol in kwsitjoni ma kienx l-istess bhal dak uzat fil-fond l-iehor tal-konvenuti, izda se mai, jekk xejn jista' jkun li x-xoghol innifsu ma sarx bl-istess mod ezatt bhal dak li kien sar qabel fil-proprjeta' l-ohra, peress illi l-gebel gie mbaqqan.

Illi pero, ghandu jinghad illi mill-provi prodotti johrog car illi l-konvenut Adrian Mifsud kien ikun prezenti kwazi kontinwament waqt li kien qieghed isir ix-xoghol in kwistjoni, u li qatt ma lmenta la mall-haddiema u lanqas ma l-attur dwar ix-xoghol innifsu jew dwar il-kwalita' tieghu.  It-Tribunal ma jaqbilx mat-tezi tal-konvenut illi sabiex jara li x-xoghol ma kienx tal-kwalita' pattwita huwa kellu jistenna sakemm jitlesta kollu, u dan ghaliex xoghol bhal dan, li jkun qieghed isir fuq hajt, huwa haga tant

ovvja li mad-daqqa t’ghajn wiehed ghandu jinduna mill-ewwel jekk hux qed isir skond kif jixtieq hu jew le, u zgur li sabiex jaghmel hekk m’ghandux jistenna li jitlesta x-xoghol kollu.

Di piu, jidher car mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet illi l-konvenut ghall-bidu kien qieghed jilmenta biss fuq prezzijiet u r-rati, u mhux fuq il-kwalita’ tax-xoghol u tal-materjal. Kien biss wara li ghadda z-zmien li f’daqqa wahda l-konvenut beda jilmenta dwar dan. It-Tribunal josserva li dak li xehed il-konvenut, u cioe, li ma kienitx gietu f’mohhu li jilmenta dwar il-kwalita’ tax-xoghol u l-materjal fil-mument opportun, huwa ghal kollox inkoncepibbli u mhux kredibbli. Jekk verament il-konvenut ma kienx kuntent bil-kwalita’ tax-xoghol kien imissu nforma l-attur immedjatament waqt li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet, jew almenu, fl-aghar ipotezi javzah minnufieh fl-ewwel ittra li baghtlu fejn kien qed jilmenta dwar prezzijiet u rati.

Illi ghalhekk t-Tribunal m’huwiex sodisfatt illi dak li gie allegat mill-konvenuti gie fil-fatt ippruvat, u anzi jidhirlu li l-attur nomine rnexxilu jipprova illi t-talba tieghu timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u jilqa t-talba attrici kif kontenuta fl-Avviz, u jikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta’ seba mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u disa u tmenin centezmu (Lm728.89c) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------